MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 56/2015

**AB**

**-vs-**

**CD et noe**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Jannar 2002, f'Asmara, l-Eritrea bir-rit Islamiku mil-liema zwieg ma twieldux ulied;

2. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin isseparati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontenenti stante l-intimata, Senait Ghebremichael Sebhatu ilha li telqet minn Malta sentejn ilu;
3. Illi ghalhekk ai termini tal-Att. XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi tiddikjara id-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Jannar, 2002;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u il-PL Rita Drago, li permezz taghha eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat;
2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu, 2015

Rat illi l-partijiet ghaddew minn procedura ta' medjazzjoni;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba’ snin separati de facto;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------